## Laqgha Numru 01/K4/2002

## Introduzzjoni

Minuti ta’ l-Ewwel Laqgha tas-sena 2002 tar-Raba’ Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 3 t’April 2002.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Il-Kunsilliera Joe Zammit, Ray Pace, Alfred Mazzitelli, Charles Bezzina u Franco Galea flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-laqgha kien hemm prezenza tal-pubbliku kif ukoll is-Sindku ta’ Barry Town, Wales.

Bhala l-akar Kunsillier anzjan il-laqgha giet ipreseduta mill-Kunsillier Charles Bezzina.

Il-Kunsillier Charles Bezzina qara t-talba ta’ qabel il-laqgha.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-28 ta’ Marzu 2002. L-**Agenda** kienet:

1. **Elezzjoni ghall-Hatra ta’ Sindku.**
2. **Dikjarazzjoni ta’ l-accettazjoni tal-kariga ta’ Sindku.**
3. **Elezzjoni ghall-hatra ta’ Vici Sindku.**
4. **Dikjarazzjoni ta’ l-accettazjoni tal-kariga ta’ Vici Sindku.**
5. **Hatra ta’ Kumitati u Sotto Kumitati.**
6. **Materji Ohra.**

## 1. Elezzjoni ghall-Hatra ta’ Sindku

1.1. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsilliera prezenti bl-andament ta’ kif ghandha ssir l-elezzjoni ghall-hatra ta’ Sindku u Vici Sindku u dan skond kif stipulat fl-Att tal-Kunsilli Lokali.

1.2. Il-Kunsillier Charles Bezzina staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk kienx hemm nominazzjoniijiet ghall-hatra ta’ Sindku.

1.3. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nnomina lill-Kunsillier Joe Zammit ghall-hatra ta’ Sindku.

1.4. Peress li ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet il-Kunsillier Charles Bezzina ghadda l-proposta ghall-vot.

1.5. Il-Kunsilliera Alfred Mazzitelli, Joe Zammit u Charles Bezzina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Franco Galea u Ray Pace astjenew.

1.6. Ghaldaqstant ir-rizultat kien ta' tlieta favur u zewg astenzjonijiet u ghalhekk il-Kunsillier Joe Zammit gie elett bhala Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

## 2. Dikjarazzjoni ta' l-accettazjoni tal-hatra ta' Sindku.

2.1. Il-Kunsillier Joe Zammit iddikjara li kien qed jaccetta l-kariga ta' Sindku u pprezenta dikjarazzjoni t'accettazjoni. **( Ara appendici A )**

2.2. Minn dan il-punt il-quddiem il-Kunsillier Charles Bezzina ceda l-post ta' Chairman tal-laqgha u l-laqgha tkompliet tigi preseduta mis-Sindku Joe Zammit.

2.3. Il-Kunsilliera prezenti ferhu lis-Sindku Joe Zammit ghall-kariga gdida tieghu.

## 3. Elezzjoni ghall-Hatra ta' Vici Sindku.

3.1. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk kienx hemm nominazzjoniijiet ghall-hatra ta' Vici Sindku.

3.2. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nnomina lill-Kunsillier Charles Bezzina ghall-hatra ta' Vici Sindku.

3.3. Peress li ma kienx hemm aktar nominazzjonijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda l-proposta ghall-vot.

3.4. Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Charles Bezzina vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Franco Galea u Ray Pace astjenew.

3.5. Ghaldaqstant ir-rizultat kien ta' tlieta favur u zewg astenzjonijiet u ghalhekk il-Kunsillier Charles Bezzina gie elett bhala Vici Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

## 4. Dikjarazzjoni ta' l-accettazzjoni tal-Hatra ta' Vici Sindku.

4.1. Il-Kunsillier Charles Bezzina ddikjara li kien qed jaccetta l-kariga ta' Vici Sindku u pprezenta dikjarazzjoni t'accettazjoni. **( Ara appendici B )**

4.2. Minn dan il-punt il-quddiem il-Kunsillier Charles Bezzina beda jassumi l-kariga ta' Vici Sindku ghall-Kunsill Lokali Pembroke.

4.3. Is-Sindku u l-Kunsilliera prezenti ferhu lill-Vici Sindku Charles Bezzina ghall-kariga l-gdida tieghu.

## 5. Hatra ta' Sotto Kumitati.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit ippropona ghad-diskussjoni proposta ghall-hatra ta' Kumitati. **( Ara appendici C )**

5.2. Il-Vici Sindku Charles Bezzina ssekonda.

5.3. Wara diskussjoni qasira s-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kumitati kif ipprezentati.

5.4. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

5.5. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Charles Bezzain u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Ray Pace u Franco Galea astjenew.

5.6. Il-Mozzjoni ghaddiet.

5.7. Il-Kunsillier Franco Galea qal li ghalkemm jaqbel fil-principju huwa kien qed jastjeni minhabba l-fatt li xtaq jara aktar fid-dettal dak li kien qed jigi propost.

5.8. Wara kjarifika li ta s-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Franco Galea qal li kien qed jaccetta l-karigi sottomessi mis-Sindku.

5.9. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Ray Pace jekk kienx qed jaccetta l-proposta tieghu ghal-kariga tal-kumitat fejn jirrigwardja lill-Kunsillier Pace.

5.10. Il-Kunsillier Ray Pace qal li ghalkemm astjena huwa kien qed jaccetta li jkun responsabbli mil-Kumitat propost lilu mis-Sindku Joe Zammit.

## 6. Materji Ohra.

6.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'laqgha nformali li kellu sar jaf li f'Malta kien hawn ghal-btala s-Sindku ta' Barry Town f'Wales. Ghal dan il-ghan il-kelliem ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex il-Kunsill ikun jista' jilqa' lis-Sinjura Margareth Wilkinson, Sindku ta' Barry Town f'Wales.

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4. Il-laqgha giet sospiza fis-6.20 pm.

6.5. Is-Sindku Margareth Wilkinson ghamlet l-intervent taghha fejn qalet li tifrah li sar gemellagg bejn postijiet f'Wales ma' dak ta' Pembroke f'Malta. Il-kelliema xtaqet kull gid minn dawn il-Gemellaggi li bihom jistghu jibbenefikaw iz-zewg pajjizi.

6.6. Il-laqgha tkompliet fis-6.30 pm.

6.7. Il-Laqgha ntemmet fis-6.35 pm wara li s-Sindku Joe Zammit nforma lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 10 t'April 2002 fis-6.30 pm.

**Joe Zammit**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Ezekuttiv**